MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1722/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**
**kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Kevin Galea**
**abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-**
**Ligi u l-istess Kevin Galea**

**Vs**

**Jane Abdilla**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' elf erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u erbghin centezmu

(Lm1,437.40c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta fejn il-konvenuta fl-ewwel lok qalet li mhix responsabbli ta' dan l-incident. Fit-tieni lok tghid illi l-atturi jehtiegilhom li jippruvaw id-danni allegatament sofferti minnhom stante li l-istess huma kkontestati.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Kevin Galea qal:

"He was proceeding up along St Andrew's Road, to the direction of Bugibba. Suddenly driver of vehicle number RAR 163 tried to overtake him, but due to another vehicle which at that time was proceeding down from opposite direction swerved to his side and collided into his vehicle."

Il-konvenuta qalet:

"She was proceeding along St Andrew's Road, Swieqi. Suddenly driver of vehicle number KEV 279 came from the back with an excessive speed, swerved to her side, collided into her vehicle with the consequence that her car ended into the wall."

Ra l-verzjoni tal-pulizija fejn jindika li Raylene Abdilla kienet qed issofri minn griehi hfief.

Ra li fl-istess Rapport Sarah Desira qalet:

"She was front passenger in vehicle number KEV 279 proceeding up St Andrew's Road, suddenly driver of vehicle RAR 163 attempted to overtake their vehicle but another vehicle was coming from opposite direction, swerved and collided into their vehicle."

Xhieda ohra ta' Christian Buttigieg tghid:

"He was proceeding along St Andrew's Road, when driver of vehicle number KEV 279 had swerved and collided into

vehicle number RAR 163 with the consequence that car number RAR 163 ended into the wall."

Ra x-xhieda ta' PS 1113 Emanuel Aquilina fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' Kevin Galea fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Jghid ukoll illi wara l-incident, qabel ma gew il-pulizija, pparkja x'imkien barra mill-periklu. Galea jzid illi fejn grat il-habta, t-triq tidjieq u karozza wahda biss tghaddi fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Jaqbel ma' l-iskizz.

Jichad li pprova jaqbez lill-konvenuta minn fuq il-lane ta' gewwa, laqatha u tefaghha fuq in-naha l-ohra.

Jikkonferma li kien assigurat b'polza *fully comprehensive* u li hallas hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) bhala *excess*.
Ra x-xhieda ta' Anthony Savona li huwa *Claims Clerk* u *Surveyor* mas-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Jane Abdilla fejn dakinhar ta' l-incident kienet qed issuq il-vettura RAR 163 fit-telgha ta' Pembroke fuq il-lane tan-nofs billi fil-lane tax-xellug kien hemm il-lights li tista' tmur fid-direzzjoni ta' Halland Hotel. Tghid illi kienet qed issuq b'erbghin izda ma tafx jekk hux mili jew kilometri fis-siegha.

Tghid ukoll illi dakinhar ta' l-incident rat vettura li qalghet min-naha tax-xellug taghha, kisret ghal fuq il-karozza taghha u ghalhekk habtet mal-*mudguard* tal-passiggier fuq ix-xellug. Abdilla tghid li daret la genbha u dahlet fil-hajt tal-Luxol Ground.

Tghid illi l-vettura l-ohra baqghet sejra 'l fuq u Christian Buttigieg li kien passiggier maghha hareg iwaqqfu. Tikkonferma illi St Andrew's Road hija *two lane* fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq kif ukoll *two lane* fid-direzzjoni ta' San Giljan.

Tichad illi kienet qed taghmel manuvra ta' surpass. Tikkonferma li b'rizultat ta' din il-habta kellha daqqa fuq ix-xellug fuq wara. Tghid ukoll illi l-vettura l-ohra ratha meta sar l-impatt. Taqbel mad-deskrizzjoni ta' l-incident li nghatat fir-*Road Accident Report*.

Ra x-xhieda ta' Raylene Abdilla li kienet fil-vettura tal-konvenuta fejn tghid illi dakinhar ta' l-incident kienu ghaddejjin b'mod normali meta hasset daqqa minn wara mbaghad rat il-vettura gejja min-naha tax-xellug taghha u kisret gol-vettura tal-konvenuta. Tghid illi b'rizultat ta' dan, il-konvenuta baqghet sejra fuq in-naha l-ohra u dahlet fil-Ground tal-Luxol.

Raylene Abdilla tghid li qabel l-impatt ma kienx hemm vettura ohra quddiemhom u lanqas vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' Paceville.

Ra x-xhieda ta' Christian Buttigieg li kien *front seat passenger* mal-konvenuta dakinhar ta' l-incident u jghid illi kienu sejrin fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Jghid illi l-konvenuta kienet gejja bi *speed* ta' tmenin jew disghin izda ma jafx jekk hux mili jew kilometri. Buttigieg jghid illi waqt li kienu ghaddejjin hassew daqqa minn wara w ohra minn quddiem. Minhabba dan il-konvenuta baqghet diehla fil-Ground tal-Luxol.

Jichad illi kienu qed jaghmlu manuvra ta' surpass. Jaqbel ma' l-iskizz.

**Ikkunsidra**

Illi hemm zewg verzjonijiet ta' kif gara l-incident. Galea jghid li l-konvenuta ppruvat taghmel manuvra ta' surpass izda kien hemm karozza gejja mid-direzzjoni opposta u hi dahlet ghal go fih. Il-konvenuta qalet li Galea gie minn wara u l-karozza ta' Galea dahlet fil-karozza taghha. Illi mill-iskizz u mill-verzjonijiet tal-partijiet m'hemmx provi bizzejjed biex it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident. Huwa stramb kif l-attur baqa' jsuq wara l-incident u t-Tribunal m'ghandux spjegazzjoni

ta’ ghaliex il-konvenuta li suppost daret fuq ix-xellug imbaghad spiccat fuq in-naha tal-lemin tat-triq.

Billi l-atturi ma gabux provi bizzejjed biex it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident, jichad it-talba bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------